MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Numru. 311/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR IAN J. ABDILLA**
**KONTRA**

**STEFAN CACHIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Stefan Cachia ta’ 18- il sena, bin Martin u Therese nee’ Camilleri, mwieled Pieta, nhar it- 23 ta’ Novembru 1989, residenti fil- fond 238, Casa Martina, Triq l- Imhallef William Harding, Pembroke u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 562089(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar il- Had 1 ta' Marzu 2009, gewwa Marsaxlokk u f'postijiet ohra gewwa dawn il- Gzejjer;

1) iffalsifika jew biddel, minghajr il- kunsens tas- sid, l- ismijiet, il- marki jew is- sinjali distintivi tax- xoghol tal-mohh, jew tal- prodott ta' industrija, jew xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas- sid jew;

2) ghamel uzu xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix- xorta tal- merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il- marka, sinjal jew emblema jew;

3) xjentement qieghed fic- cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall- biegh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq;

U cioe diversi DVDs b'films u loghob tal- Playstation;

4) u aktar talli, fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal biegh jew biex iqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid- drittijeit tal- awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil- Ligi ta' Malta jew tahtha;

5) b'hekk Stefan Cachia kiser ordnijiet ta' probation hekk kif ikkontemplat b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal- Magistrati (Malta), diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 298 (1) (a), (c), (f) u 298 B tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tordna lill-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tlett (3) snin.
Kwantu ghal ksur ta' Liberazzjoni Kundizzjonata, tittratta mieghu ghar-reati originali u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' elf ewro (€1,000), u ammenda ta' mitt ewro (€100) rispettivament.
Tordna inoltre d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti formalment, taht id-direzzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------